MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2009

Numru 1145/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**Vs**

**Joseph Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Degiorgio ta’ 65 sena, iben il-mejjet Saviour u l-mejta Maria Assunta nee’ Spiteri, imwieled il-Belt Valletta fit-3 ta’ Dicembru 1944 li joqghod f’Fond No 58, Triq Alessandro Surmy (Tal-Virtu), Rabat Malta, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ b’numru 1077544(M).

Billi gie akkuzat talli matul ix-xahar ta’ Ottubru 2009, f’dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kinietx ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal

dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, jew mod iehor ghen jew assista persuni ezenti fl-ghemil ta' reat mahsub taht l-Artikolu 32 tal-Kap 217. Tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, zmien, lok u cirkostanzi gie akkzuat ukoll talli bhala l-persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir gewwa l-PBS Television House, sitwata Pieta', impjega persuna li ma kienitx cittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu u ufficjali.

U aktar talli fl-istess, data, hin, zmien, lok u cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li impjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993. (3a u 10).

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-asmmissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikolu 17 tal-Kap. 9, ir-Regolementi 3(a) u 10 tal-Avviz Legali 110 tal-1993 u l-artikolu 32(1)(b) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Degiorgio, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imputat Joseph Degiorgio ghall-piena komplessiva ta’ Elfejn u tmien mitt Euro (Euro 2800) multa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------